32003D0011

L 7/82 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 11.1.2003

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-10 ta' Jannar 2003

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/511/KEE li tirrigwarda l-listi tal-laboratorji awtorizzati sabiex jimmaniġġjaw il-vajrus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer

*(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2002) 5559)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2003/11/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 85/511/KEE tat-18 ta' Novembru 1989 li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ([1]), kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari s-subparagrafu ta' l-Artikolu 13(2) tagħha,

Billi:

(1) Il-waqfien tat-tilqim ta' rutina kontra l-vajrus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-Komunità fis-sena 1991 żied is-suxxettibbiltà tal-merħliet Komunitarju għal din il-marda. Huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat illi l-laboratorji li jimmaniġġaw il-vajrus jagħmlu dan taħt kondizzjonijiet fis-sigurtà, sabiex jevitaw it-tixrid tal-vajrus li jista' jipperikola l-merħliet Komunitarji.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 85/511/KEE telenka l-laboratorji nazzjonali u kummerċjali awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer. Din id-Direttiva teħtieġ li dawn il-laboratorji jikkonformaw ma' l-istandards minimi rrakkommandati mill-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja (il-FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti.

(3) Ċerti Stati Membri iddeċidew li ma jissoktawx jimmaniġġjaw il-vajrus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, filwaqt li Stati Membri oħra pprovvdew il-garanziji meħtieġa illi l-istandards mitluba minnhom jitħarsu mill-laboratorji li approvaw għal dan il-għan. B'żieda ma' dan, tbiddlu d-dettalji rigward ċerti laboratorji elenkati fid-Direttiva 85/511/KEE.

(4) Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi aġġornata l-lista tal-labooratorji elenkata fl-Annessi A u B mad-Direttiva 85/511/KEE.

(5) Id-Direttiva 85/511/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMEN:

*Artikolu 1*

L-Anness A u B mad-Direttiva 85/511/KEE huma mibdula bit-test fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Jannar 2003.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 315, tas-26.11.1985, p. 11.

*ANNESS*

*“ANNESS A*

**Il-laboratorji kummerċjali awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrusijiet ħajjin tal-marda ta’ l-ilsien u d-dwiefer għall-produzzjoni tat-tilqim**

| | |
|---|---|
| IL-ĠERMANJA | Il-Bayer AG, Köln |
| FRANZA | Il-Merial, SAS, Laboratoire IFFA, Lyon |
| L-OLANDA | Is-CIDC-Leystad, l-Istitut Ċentrali għall-Kontroll ta’ l-Annimali, Leystad |
| IR-RENJU UNIT | Il-Merial, SAS, il-Laboratorju ta’ Pirbright, Pirbright. |

*ANNESS B*

**Il-laboratorji nazzjonali awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrusijiet ħajjin tal-marda ta’ l-ilsien u d-dwiefer**

| | |
|---|---|
| Il-BELĠJU | Iċ-Ċentru tar-Riċerka Veterinarja u Agrokimika,<br>CODA-CERVA-VAR, Uccle |
| ID-DANIMARKA | L-Istutut Veterinarju Daniż, id-Dipartiment tal-Viroloġija, Lindholm |
| IL-ĠERMANJA | Il-Bundesforschungsanstalt für Vajruskrankheiten der Tiere<br>— Anstaltsteil Tübingen<br>— L-Istitut Anstaltsteil Friedrich Loeffler, Insel Riems |
| IL-GREĊJA | Ινστιτούτο Αφθώδους Πυρετού<br>Αγία Παρασκευή Αττικής |
| SPANJA | Il-Laboratorio Central de Sanidad Animal INIA (CSIA-INIA), Valdeolmos, Madrid |
| FRANZA | L-Agence française de sécurité sanitaire des aliments (AFSSA)<br>— il-Laboratoire d’études et de recherches en pathologie bovine et hygiène des viandes, Lyon<br>— il-Laboratoire d’études et de recherches en pathologie animale et zoonoses, Maison-Alfort |
| L-ITALJA | L-Istituto zooprofilattico sperimentale della Lombardia e dell’Emilia Romagna, (l-Istitut Żooprofilattiku Sperimentali tal-Lombardija u l-Emilja Romagna), |
| L-OLANDA | Is-CIDC-Leystad, L-Istitut Ċentrali għall-Kontroll ta’ l-Annimali, Leystad |
| L-AWSTRIJA | L-Österreichische Agentur für Gesundheit und Ernährungssicherheit<br>Veterinärmedizinische Untersuchungen Mödling |
| IR-RENJU UNIT | Institute for Animal Health, Pirbright” |